MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

**Global InterGold** - https://www.globalintergold.com/gold/home.php

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar l-entità msemmija hawn fuq li qabel kienet magħrufa bħala **"Emgoldex"** li għandha dan l-indirizz: **Global iGold UK Limited**, Berkeley Square House, Berkeley Square, London, u li qed tirreklama s-servizzi tagħha lejn Malta kif deskritt fuq is-sit elettroniku http://www.globalintergold.info/en/why-does-gold-business-flourish-in-malta-global-intergold-will-help-you-find-the-answer-cpn57/. L-Awtorità tinsab infurmata wkoll li numru ta' persuni qed jagħmlu kuntatt mal-pubbliku biex iħajruhom jinvestu ma' din l-entità.

Mill-informazzjoni li għandha l-MFSA, Global InterGold tidher li qed toffri aċċess għal skema ta' investiment li tinvesti f'ingotti tad-deheb. L-MFSA tixtieq twissi lill-pubbliku li **Global InterGold mhix liċenzjata u mhix awtorizzata mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' servizz finanzjarju f'Malta**, inkluż servizzi ta' investiment. Għaldaqstant, il-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji m'għandhomx jidħlu f'negozju jew tranżazzjonijiet mal-entità msemmija hawn fuq.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hija awtorizzata tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 03-2016**
**28 ta' April 2016**